**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta'  Dicembru 2019**

**Talba Nru: 106/19 CZ**

**Thomas Smith Insurance Agency Limitd (C5637) flimkien ma' GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Marcel Demicoli, flimkien mal-istess Marcel Demicoli**

**vs.**

**Tex Mex u b'digriet tal-20 t'Awwissu 2019 isem il-konvenut gie mibdul ghal Tex Mex Co. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi mressqa fis-17 ta' Mejju 2019 fejn talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn u hamsa w hamsin Euro u hdax-il Euro centezmu (€2,055.11) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-incident li sehh fit-8 ta' April 2018 fi Triq tat-Trunciera, Marsaxlokk meta l-vettura MRC 117 propjeta' ta' Demicoli giet iddanneggjata per konsegwenza ta' apparat li waqa' ghal fuqha, liema apparat kien propjeta' ta' Tex Mex.

Illi mir-rapport tal-Pulizija jidher li l-banner li twahhal mal-hajt li waqa' ghal fuq il-vettura danneggjata ma twahhalx skond is-sengha u l-arti bil-konsegwenza li dan spicca bhala qlugh u waqqa' l-hajt li mieghu kien imwahhal kif qam ir-rih.

Illi per konsegwenza ta' dan l-incident, l-atturi sofrew hsara fl-ammont ta' elfejn u hamsa w hamsin Euro u hdax-il Euro centezmu (€2,055.11).

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura inkluz l-ittra interpellatorja, l-ittra ufficcjali 678/2019 u l-ittra ufficcjali qieghda tigi pprezentata [sic] kontestwalment ma' dawn il-proceduri flimkien mal-interessi legali mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa inti ingunt.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2019.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u hamsa w hamsin Euro u hdax-il Euro centezmu (€2,055.11) bl-imghaxijiet legali li jibdew jghaddu mil-lum sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur